# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2019

## Talba Numru 97/2019SFJ

## *Elmo Insurance Limited (C3500)*
## *vs.*
## *Wilson Mifsud (527284M) u Josemar Borg (343286M)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuti jkunu solidalment ikkundannati jħallsuha l-ammont ta' elfejn u tlett mija u disgħa' u tmenin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€2,389.36) in linea ta' danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u taxxa fuq il-valur miżjud (*VAT*) sborsati minnha favur ir-rikorrent fl-arbitraġġ fl-ismijiet *GasanMamo Insurance Limited vs. Josemar Borg* (M5031/2017) deċiż fis-27 ta' Novembru 2017.

Ra li l-konvenut Wilson Mifsud ġie innotifikat nhar l-10 ta' Ġunju 2019 kif jidher mir-riferta relattiva.

Ra l-kapitolu ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2019 mis-soċjetà attriċi għas-subizzjoni tal-konvenut Wilson Mifsud li permezz tiegħu riedet tipprova bil-ġurament tal-istess konvenut li dan huwa debitur tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenut Wilson Mifsud, għalkemm innotifikat, ma ppreżenta ebda Risposta u ma deher għal ebda seduta.

Ra li l-konvenut Wilson Mifsud reġa' ma deherx fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2019.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut Wilson Mifsud u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u b'hekk jikkundannah iħallasha s-somma ta' elfejn u tlett mija u disgħa' u tmenin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€2,389.36) flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet kollha kif mitluba fl-Avviż tat-Talba, liema imgħax għandu jiġi ikkalkulat mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**